**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 18 ta' Novembru 2021

Rikors Numru: 68/2021 AL

**A B**

**vs**

**L-Avukat Dr Graziella Tanti u l-Prokuratur Legali Gillian Muscat b'Digriet tat-23 ta' Frar 2021nħatru bħala Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw l-interessti tal-Assenti C D E**

**(Numru Progressiv tal-Att taz-Zwieġ: 3431/2018)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur li permezz tiegħu ppremetta:[1]

*Illir-rikorrent izzewwg lill-intimata fil-hdax (11) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018) liema certifikat taz-zwieg qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dokument A.*

*Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux ulied.*

[1] Fol. 1 – 6.

*Illi l-intimata rrendiet ruhha hatja versu r-rikorrenti ta' abbandun, adulterju, sevizzi, eccessi u ingurji gravi.*

*Illi z-zwieg tal-partijiet tkisser irremedjabilment tort unikament ta' l-intimata.*

*Illi r-rikorrenti gie abbandunat minn l-intimata martu C D E f'Gunju tal-2020. Wara li telqet mid-dar matrimonjali hija halliet dawn il-Gzejjer u qatt ma rritornat lura, u r-rikorrenti ma ghandux hjiel ta' fejn din qeghda tirrisjedi u lanqas m'ghandu kuntatt maghha.*

*Illi sforz l-istess abbandun, il-hajja matrimonjali ma martu giet reza impossibbli.*

*Illi m'hemm l-ebda prospett ta' rikonciljazzjoni ma martu.*

*Illi r-rikorrenti ipproceda bil-procedura ta' medjazzjoni, li giet maghluqa minhabba c-cirkostanzi tal-kaz, kif jirrizulta minn Dokument B anness.*

*Illi ma hemm l-ebda assi formanti l-kommunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.*

*Illi r-rikorrenti jaf b'dawn il-fatti personalment.*

*Ghaldaqstant ir-rikorrent umilment jitlob illi din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lil intimata kif fuq inghad u minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment u ssussidjarjament minhabba abbandun da parti ta' l-intimata u ghal finijiet tal-artikolu 51 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta tistabilixxi d-data meta l-istess intimata ghandha tkun ikkunsidrata li minnha hija kienet hatja tal-firda;*

2. *Tawtorizza lir-rikorrenti jghix separatament mill-intimata;*

3. *Tordna l-qasma tal-kommunjoni tal-akkwisti u tillikwida l-istess;*

4. *Tapplika kontra l-intimata interament jew in parti, d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 48 u/jew 51 sa 55A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

5. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqsehkk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bis-separazzjoni personali tal-partijiet biex din tigi registrata fir-Registru Pubbliku.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimata, li minn issa hija ngunta in subizzjoni*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat illi wara talba da parti l-attur,[2] il-Qorti permezz ta' digriet datat it-23 ta' Frar 2021 laqgħat it-talba,[3] u konsegwentament ġew maħtura l-Avukat Dr Graziella Tanti u l-Prokuratur Legali Gillian Muscat bħala kuraturi għall-finijiet kollha tal-liġi sabiex jirrapprezentaw lill-assenti konvenut;[4]

Rat li l-kuraturi deputati ġew debitament notifikai bl-atti tal-kawza,[5] u r-risposta tagħhom fejn ġie eċċepit:[6]

1. *Illi l-esponenti Kuraturi Deputati mhumiex edotti mill-fatti tal-kaz odjern u għalhekk qed jirriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivate flimkie ma' lista tax-xhieda meta u jekk ikun il-kaz li jiġu edotti mill-fatti tal-kaz.*

*Salv risposta ulterjuri.*

*Bl-ispejjez.*

Rat in-nota tal-Kuraturi Deputati datata 30 ta' Settembru 2021,[7] permezz ta' liema ġiet ipprezentata kopja tal-*email* mibgħuta mill-Avukat Dr Graziella Tanti bħala Kuratur Deptutat lill-assenti C D E nhar id-19 ta' Mejju 2021 fuq l-indirizz eletroniku *xxx@mail.ru,*[8] fejn tinfurmaha dwar l-azzjoni odjerna, izda liema *email* qatt ma ġiet risposta;

---

[2] Fol. 12.
[3] Fol. 13.
[4] Fol. 14.
[5] Fol. 14a.
[6] Fol. 21.
[7] Fol. 30.
[8] Fol. 31.

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment;

Rat l-affidavit tal-attur;[9]

Rat il-verbal tas-seduta miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr Maria Dolores Gauci,[10] u x-xhud li ddepona quddiemha;[11]

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.[12]

Ikkunsidrat;

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

**1. L-Azzjoni Odjerna:**

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qiegħed jitlob lil din il-Qorti tiddikjara li l-assenti C D E ħatja għat-tifrik taz-zwieġ tagħhom u dan għar-ragunijiet kontemplati fl-Artikolu 38, 40 u 41 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Magħdud ma' dan l-attur jitlob ukoll lil din il-Qorti sabiex tirregola l-effetti konsegwenzjali għas-separazzjoni personali. Il-Qorti tagħmel referenza għar-rikors promotur li permezz tal-istess, l-attur jelenka x'inhuma l-pretensjonijiet tiegħu fil-kawża odjerna:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet filwaqt li tiddikjara lill-konvenuta ħatja għat-tifrik taz-zwieġ;

2. Tapplika kontra l-konvenuta d-dekadenzi stipulati fl-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili;

3. Tillikwida u taqsam l-istess komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet;

4. Tordna r-reġistrazzjoni tas-sentenza mad-Dipartiment tar-Reġistru Pubbliku.

[9] Fol. 15.
[10] Fol. 26.
[11] Fol. 27.
[12] Fol. 32.

## 2. Is-Separazzjoni Personali u r-Responsabbilita' għat-Tkissir taz-Zwieġ:

*Il-Verzjoni tal-Attur u l-Allegati Tortijiet tal-Konvenuta*

Fl-affidavit tiegħu, l-attur jispjega li sar jaf lill-konvenuta *online* f'Settembru tal-2016, fejn damu jitkellmu *online* gaħl madwar għaxar (10) xhur qabel ma' l-konvenut iddeċieda li jiltaqa' magħha wiċċ'imb'wiċċ. Fil-fatt l-attur jgħid illi fis-sajf tas-sena 2017 iddeċieda li jitla' r-Russja sabiex jiltaqa' mal-konvenuta. Konsegwentament, huwa niezel lura Malta wara ġimgħa, u l-konvenuta kienet niezlet Malta f'Jannar tal-2018, fejn għamlet ġimgħa mal-attur. Minkejja li l-partijiet ma kienux iqattgħu ħafna ħin fizikament flimkien, huma kienu jitkellmu kuljum *online* u telefonikament.

Illi fil-frattemp, l-attur kien ipproponilha z-zwieġ lill-konvenuta, fejn din aċċettat li tizzewġu u toqgħod miegħu ġewwa Malta. Jingħad illi wara li ġew iffirmati l-karti neċessarji, l-partijiet izzewġu ġewwa r-Russja, liema zwieġ sussegwentament ġie rreġistrat ġewwa Malta. Wara erbat' (4) ijiem miz-zwieġ, l-attur niezel lura Malta waħdu, filwaqt li l-konvenuta kellha tibqa' r-Russja sakemm tirranġa xi affarijiet personali tagħha, u kellha tirriloka ġewwa Mata għal Jannar 2019.

F'Jannar 2019 il-konvenuta waslet Malta, fejn marret toqgħod mal-attur. Jiġi spjegat li minn relazzjoni preċedenti, l-konvenuta kellha wild, li għalkemm l-attur jgħid li ma addottax l-imsemmi wild tal-konvenuta formalment, huwa xorta kien laqgħu f'ħajtu u fid-dar matrimonjali. L-attur jikkontendi li l-ħajja mizzewġa kienet bdiet tajjeb, fejn għall-ewwel ftit xhur il-konvenuta ma kienetx taħdem, u l-attur kien jaħdem bħala *technician* mal-MCAST. Madanakollu, hekk kif il-konvenuta sabet impjieg bħala *sales assistant* mal-*Convenience Shop*, iz-zwieġ beda sejjer ferm ħazin. L-attur jisħaq illi *"Anna ma kienet turini ebda affezjoni u ma kienx hemm ebda intimita' bejnietna. Kull ma kienet thares lejja biss biex jiena ntiha l-flus"*.[13]

Konsegwentament, jidher li fis-sajf tal-2019 l-attriċi bdiet tgerger u tgħid lill-attur sabiex jitilqu mid-dar tal-ġenituri tiegħu. Madanakollu, l-attur ma riedx jagħmel dan għaliex skontu nduna li C ma kellhiex interess fih verament bħala martu.

[13] Fol. 17.

Barra minn hekk jiġi rilevat li matul dan iz-zmien il-konvenuta beda jkollha ħafna argumenti mal-ġenituri tal-attur, filwaqt li jingħad ukoll illi l-konvenuta ma kienet tagħmel xejn id-dar, la ssajjar u lanqas taħsel il-ħwejjeġ.

F'Mejju 2020 il-konvenuta nfurmat lill-attur li kellha kollega fuq ix-xogħol li offritilha biex tmur tgħix magħha flimkien ma' binha. Minejja li l-attur kien jgħidilha li huwa xtaq li jfaddlu sabiex flimkien jixtru dar tagħhom, il-konvenuta ma kienetx tifhmu dan l-argument. Per konsegwenza, l-attur jispjega li l-konvenuta telqet mid-dar flimkien ma' binha f'Ġunju 2020, fejn marret tirrisjedi għal rasha. L-attur jgħid li *"dak z-zmien kont qtajt qalbi li kien hemm xi tama li nirrangaw iz-zwieg taghna, u fil-fatt C qatt ma rritornat id-dar mieghi"*.[14]

Matul il-proċeduri ta' medjazzjoni, kien hemm il-prospettiva li s-separazzjoni tingħalaq bonarjament. Madanakollu meta ġew sabiex jiffirmaw il-kuntratt ta' separazzjoni, il-konvenuta nfurmat lill-Avukat tal-attur illi kienet telqet lura r-Russja u li ma kienetx ser tirritorna lura Malta. Sabiex jikkorrobora dan, l-attur jipprezenta kopja tal-korrispondenza permezz ta' *emails* bejn l-Avukat tal-attur u l-konvenuta.[15] Fid-dawl ta' dan, l-attur jikkonkludi illi *"jiena qieghed niddikjara li z-zwieg taghna tkisser totalment responsabilita' ta' C ghaliex din jiena nahseb li zzewgitni biss biex titlaq mir-Russja u tigi toqghod Malta. Qatt ma kellha hsieb li tghix hajja mizzewga hawn Malta mieghi izda l-hsieb taghha kien li tissettilja Malta u tibda hajja ghal rasha, kif fil-fatt ghamlet"*.[16]

*<u>Verzjoni tal-Konvenuta u l-Allegati Tortijiet tal-Attur</u>*

Il-Qorti tara li tinsab sprovvista mill-verzjoni tal-konvenuta assenti, stante li minkejja li l-kuraturi deputati għamlu kuntatt magħha permezz ta' email, din għazlet li ma tweġibx. Għaldaqstant, il-verzjoni u l-provi tal-konvenuta ma ġewx sottomessi lill-Qorti.

*<u>Il-Prinċipji Legali u Applikazzjoni Tagħhom għall-Kaz Odjern</u>*

Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tistabilixxi dawk il-prinċipji legali li huma relevanti sabiex sussegwentament jiġu applikati għal kaz odjern.

[14] *Ibid.*
[15] Fol. 18.
[16] *Ibid.*

a. *Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili: Eċċessi, Moħqrija, Theddid jew Offiżi Gravi*

Dan l-artikolu tal-liġi jistipula illi:

*"Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment".*

F'dan ir-rigward il-Qorti tibda sabiex tagħmel referenza għal kaz fl-ismijiet **Elisa Thompson vs. Edward Thompson**,[17] fejn ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa b'suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali, ma hemmx il-ħtieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

Hemm ġiurisprudenza kostanti li tispjega l-motivi elenkati f'Artikolu 40 hawn fuq ċitat. F'dan l-istadju ssir referenza għas-sentenzi fl-ismijiet: **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud**[18] u **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**,[19] fejn ġie ritenut illi fir-rigward ta' moħqrija, *"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi"* u fir-rigward ta' inġurji u offizi gravi li dawn *"ma ġewx speċifikament dezinjati mid-duttrina imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom",* filwaqt li ġew definiti bħala li *"jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz"*, rispettivament. Is-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud**, appena ċitata tagħti tifsira lil eċċessi, li jfissru *"att mwettqa fuq il-parti l-oħra, liema atti jridu jkunu ta' serjeta' kbira stante illi niente di meno jridu jkunu ta' perikolu għall-ħajja tal-parti l-oħra".*

[17]Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Mejju 1925 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].
[18]Deċiża mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Ġunju 1961, Vol. XLV C.ii.708.
[19]Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace fit-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

Min-naħa l-oħra u b'mod speċifiku fir-rigward ta' theddid u vjolenza, il-Qorti ma tixba' qatt tirrepeti illi *"Il-liġi tikkontenta ruħha bil-persistenza f'ċerta mġieba ħazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima".*[20] Fin-natura tagħha, il-vjolenza domestika tikkostiwixxi inġurja gravi ħafna u ma tista' bl-ebda mod tiġi ġustifikata. Hekk kif ippronunzjat ruħha l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Joanne Tabone pro. et noe. vs. Jesmond Tabone**,[21] *"il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar waħda, li inevitabilment twassal għal firda personali, anke għaliex, kif ingħad, "huwa ferm diffiċli li tiġi superata minn min ikun ħalla lilu nnifsu jintrikeb minnha"*[22]*; Skond l-istess Qorti "Is-swat, ..., hi l-agħar forma ta' att ta' krudelta' li joffendi lill-persuna u spiss drabi jwassal għat-tifrik taz-zwieġ".*[23]

*b.* *Artikolu 38 tal-Kodiċi Ċivili: Adulterju*

L-adulterju wkoll huwa motiv għas-separazzjoni fil-Liġi Maltija u fil-fatt, il-Kodiċi Ċivili jistipula:

*"Kull parti mizzewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra".*[24]

Magħdud ma' dan, il-ġurisprudenza kostanti tagħna tirritjeni illi:

"*L-adulterju hija bla dubju l-kawża l-iżjed gravi li għaliha l-liġi tawtorizza sseparazzjoni personali*".[25]

Il-kwistjoni kollha ddur fuq il-prova tal-istess adulterju u jekk min jallega l-istess, jistax fattwalment jagħti prova tagħha. F'dan l-istadju, il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna,**[26] fejn ġie dikjarat li:

"*L-adulterju minn dejjem ġie meqjus bħala l-kawżali l-aktar gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali ...... Huwa ormai paċifiku fid-dottrina u*

[20]**Antonia Mifsud vs. Giuseppe Mifsud**, deċiza mill-Qorti tal-Appell Ċivili nhar il-21 ta' Frar 1969.
[21]Deċiża fit-3 ta' Ottubru 2003.
[22]**Genoveffa Magri vs. Joseph Magri**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2000.
[23]**Charmaine Zahra pro. et noe. vs. Alfred Zahra**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 2003.
[24] Artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.
[25] **Hugh Greengrass vs. Lucia Greengrass**, deċiża nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 98/2002/1RCP).
[26] Deċiża nhar is-27 ta' Novembru 2011 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 1715/2001/1RCP).

*fil-ġurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizzji u preżunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika".*

c. *Artikolu 41 tal-Kodiċi Ċivili: Abbandun*

L-abbandun huwa motiv għas-separazzjoni fil-Liġi Maltija u fil-fatt, il-Kodiċi Ċivili jistipula:

*"Kull waħda mill-partijiet miżżewġa tista' wkoll titlob il-firda jekk, għal sentejn jew iżjed, tkun abbandunata mill-oħra, mingħajr raġuni tajba".*

Kemm mid-diċitura tal-artikolu u wkoll minn ġurisprudenza kostanti tagħna jirriżulta illi l-kriterji sabiex azzjoni bħal din tirnexxi huma tnejn, u ċjoe' l-abbandun idum għal sentejn jew iżjed, filwaqt li l-abbandun iseħħ mingħajr raġuni tajba.

Fil-kawża fl-ismijiet **Andrea Avellino vs. Regina Avellino**,[27] insibu tifsira ċara ta' dawn il-kriterji, fejn intqal:

*"Illi dwar l-abbandun, jingħad li l-istess, biex jista' jikkostitwixxi kawżali tas-separazzjoni, irid, apparti ż-żmien, li fil-każ se maj jikkonkorri, illi jkun sar bla ġusta kawża. Huwa fatt li l-apprezzament taċ-ċirkustanzi "di fatto" li l-abbandun mid-dar ikun sar volontarjament (ċjoe bla kawża ġusta), b'mod li jkun jista' jagħti lok għas-separazzjoni personali għall-ħtija ta' min jirrikorri għalih, huwa mħolli fil-kriterju tal-maġistrat deċidenti; kif ukoll ġie deċiż illi mhux kwalunkwe allontanament ta' konjuġi mid-domiċilju konjugali jikkostitwixxi l-prova ta' l-abbandun volontarju: imma jrid ikun jirriżulta minn fattijiet li juri l-intenzjoni żgura, ferma u pożittiva, ta' min jabbanduna, li ma jerġax imur jgħammar mal-parti l-oħra. U biex ikun kundannabbli, l-abbandun irid ikun kapriċċuż, u mhux ġustifikat minn xi motiv raġjonevoli".*

Illi hawn issir referenza għall-kawża fl-ismijiet **Josephine Anne Edwards vs. Avukat Dr. Joseph Xuereb noe**,[28] fejn il-Qorti sostniet illi:

[27] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Diċembru 1949.
[28] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Frar 1961.

*"Biex jikkostitwixxi motiv ta' separazzjoni, l-abbandun irid ikun inġust fiż-żmien tiegħu kollu ta' sentejn...".*

*<u>Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Kaz Odjern:</u>*

Il-Qorti wara li rat il-provi esebiti u s-sottomissjonijiet tal-attur, hija konvinta sal-grad rikjest mil-liġi li ż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment u konsegwentement hemm lok għall-pronunzja tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet. Il-Qorti ħadet ukoll konjizzjoni tal-fatt illi l-partijiet ilhom jgħixu separatament għal numru ta' snin u li ma jidhirx li hemm lok għal rikonċiljazzjoni bejniethom.

Fir-rigward tar-responsabbilita' għat-tifrik taz-zwieġ, il-Qorti hija tal-fehma illi z-zwieġ tal-partijiet tkisser minħabba nġurji gravi da parti l-konvenuta, hekk kif mill-atti ma jirrizultax illi tresqet prova ta' adulterju, sevizzi u eċċessi, u lanqas ma ġew sodisfatti r-rekwiziti tal-abbandun. Għal kull buon fini, il-Qorti ser tesprimi ruħha għaliex ma ġewx sodisfatti r-rekwiziti tal-abbandun:

1. L-abbandun ma kienx ġustifikat, hekk kif mill-affidavit tal-attur ma jirrizultax li kien hemm l-ebda raġuni valida li kellha twassal lill-konvenuta sabiex titlaq mid-dar matrimonjali. Għalkemm l-attur stess jikkonferma li l-konvenuta kien qed ikollha argumenti mal-ġenituri tiegħu li kienu jgħixu magħhom, u li l-konvenuta ma kienetx tgħin fix-xogħol tad-dar, jibqa' l-fatt li l-konvenuta qabdet u telqet ħabta u sabta, mingħajr ma offriet ebda spjegazzjoni. Anke kieku kellu jkun hemm xi ġustifikazzjoni għal tali tluq mid-dar matrimonjali, l-konvenuta għazlet li tibqa' siekta u pprovdiet l-ebda verzjoni lil din il-Qorti; izda,

2. L-abbandun ilu għaddej għal sena u ħames xhur biss, meta l-liġi teziġi illi sabiex issib ħtija abbazi ta' din il-kazwali l-abbandun irid ikun ilu għaddej għal sentejn jew izjed. Mill-atti jirriżulta illi l-konvenuta telqet mid-dar matrimonjali f'Ġunju 2020.

Nonostante l-fatt li l-Qorti ma tistgħax issib lill-konvenuta ħatja ta' abbandun, hija xorta waħda moralment konvinta li l-aġir tagħha huwa wieħed li kkawza nġurji gravi lill-attur. L-attur tela' kemm-il darba r-Russja, u offra lill-konvenuta u lil binha dar fejn setgħu jgħixu miegħu bħala familja. Madanakollu, mingħajr

ebda raġui valida, il-konvenuta għazlet li titlaq mid-dar matrimonjali ħabta u sabta. Dan it-tip ta' atteġġjament huwa wieħed ta' disrispett assolut, u b'hekk għandu jiġi penalizzat.

Adoperat dan ir-raġjunament għall-każ partikolari hawn eżaminat, jibbasta biex jikkonvinċi illi l-azzjoni tal-attur hija ġustifikata abbazi tal-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili. B'hekk il-Qorti għandha raġunijiet serji sabiex tasal għal konkluzjoni li z-zwieġ tkisser b'mod irrimedjabbli, u qed issib li l-konvenuta rrendiet ruħha ħatja ta' nġurji gravi fil-konfront ta' zewġha u kwindi unikament responsabbli għat-tkissir taz-zwieġ bejn il-partijiet. B'dana illi l-konvenuta għandha tinsab ħatja għat-tifrik taz-zwieġ min-nhar it-30 ta' Ġunju 2020, fejn il-Qorti tispjega illi hija għazlet tali data stante li l-attur pprovda biss lil Qorti x-xahar li fih l-konvenuta telqet mid-dar u b'hekk l-aħħar data tax-xahar, zgur mhux forsi, tinkorpora d-data vera li fiha l-konvenuta għoġobha titlaq mid-dar matrimonjali bla kliem u bla sliem.

3. **Dwar l-Applikazzjoni tal-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili fil-Konfront tal-Konvenut:**

L-attur jitlob lill-Qorti sabiex tapplika fil-konfront ta' martu, *in toto* jew *in parte,* id-dekadenzi stipulati fl-Artikoli 48 u 51 tal-Kodiċi Ċivili.

Il-firda personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, iġibu magħhom, skond il-liġi, konsegwenzi ibsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront tal-konvenut/a ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi.

Fil-każ odjern, il-konvenuta hija ħatja għat-tkissir taz-zwieġ tal-partijiet minħabba abbandun. Bħala konsegwenza, din il-Qorti qiegħda tapplika fil-konfront tal-intimata l-effetti kollha tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili, fosthom illi tiddikjara, illi bl-imġieba tagħha l-intimata iddekadiet mid-dritt tagħha li titlob u/jew li tirċievi manteniment minn għand l-attur u wkoll li hija tilfet kull dritt ta' suċċessjoni li kien talvolta spettanti lilha wara l-mewt tal-attur.

**4. It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Divizjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li Jifforma Parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti:**

Il-Qorti tirrileva illi l-partijiet izzewġu ġewwa r-Russja, izda sussegwentament il-partijiet irreġistraw iz-zwieġ tagħhom ġewwa Malta u ġew joqgħodu hawn. Għaldaqstant u ai termini tal-Artikolu 1316 subinċiz 2 tal-Kodiċi Ċivili, bejn il-partijiet kien jadopera r-reġim tal-komunjoni tal-akkwisti fir-rigward ta' dawk il-beni li huma akkwistaw wara l-wasla tagħhom f'Malta. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti hija tal-fehma li d-data li fiha ġiet stabbilita l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet hija d-data taz-zwieġ tagħhom, ossija l-11 ta' Mejju 2015 hekk kif kienet dejjem l-intenzjoni tal-partijiet li huma jgħixu bħala familja ġewwa Malta.

*Terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti*

Bis-saħħa tal-preżenti sentenza, il-Qorti qiegħda tittermina l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet.

*Elenku ta' dak kollu li Jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti, il-Likwidazzjoni, id-Divizjoni u l-Assenjazzjoni tagħhom*

Fir-rikors ġuramentat,[29] kif ukoll fl-affidavit tiegħu,[30] l-attur jikkonferma li ma hemm xejn li jifforma parti mill-komunjoni ta-akkwisti li jadopera bejn il-partijiet. Għaldaqstant ma hemm xejn x'jiġi likwidat u diviz bejn il-partijiet.

**DEĊIDE:**

Għalhekk, għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawza billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bi ħtija esklussiva tal-konvenuta stante ngurji gravi fil-konfront tal-attur u dan abbazi tal-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili, b'dana illi l-konvenuta għandha tinsab ħatja għat-tifrik taz-zwieġ mit-30 ta' Ġunju 2020;

[29] Fol. 2.
[30] Fol. 17.

2. Tilqa' it-tieni talba u tawtorizza lill-attur sabiex jgħix separatament mill-konvenuta;

3. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tielet talba in vista li ma ġiex ippruvat li kien hemm xi assi li jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti;

4. Tilqa' ir-raba' talba u tapplika fil-konfront tal-konvenuta s-sanzjonijiet kollha kkontemplati f'Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili;

5. Tilqa' il-ħames talba u filwaqt li tindika li n-numru progressiv ta' reġistrazzjoni tal-Att taż-Żwieġ tal-partijiet huwa 3431/2018, tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex jinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku b'din is-sentenza ta' separazzjoni personali fi żmien tletin (30) jum mil-lum u dan ai fini ta' reġistrazzjoni.

L-ispejjez kollha tal-kawza għandhom ikunu sapportati mill-konvenuta.